MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 67/2002/1

**Angelo u Rose konjugi Portelli**

**vs**

**Dr. Chris Said**
**li b'digriet tal-5 ta' Lulju 2002 gie nominat Kuratur Deputat**
**sabiex jirrapprezenta lill-assenti Angelo Abela**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) waqt li mart l-attur Rose Portelli kienet qed issuq vettura tal-marka Peugeot 205 bin-numru ta' registrazjoni DBC-757 fi Triq it-Tramuntana, Nadur, Ghawdex, hija kienet involuta f'incident stradali ma' vettura ohra tal-marka Skoda Favorit bin-numru ta' registrazjoni DBD-952 misjuqa mill-konvenut.

Illi dan l-incident sehh htija ta’ negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut.

Illi d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghal mija u zewg liri Maltija u tlettax il-centezmu (Lm102.13) rapprezentanti hlas ghal parts, xoghol u spray.

Illi ghalkemm nterpellat diversi drabi, l-konvenut naqas li jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti minnu konsegwenza ta’ tali incident.

Illi l-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan il-bilanc flimkien ma’ l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u ta’ l-ittra ufficjali spedita kontestwalment ma’ dan l-avviz.”

Ra r-risposta tal-kuratur li ma kienx edott mill-fatti

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta li l-incident de quo gara unikament minhabba n-negligenza tas-sewqan tal-konvenut li kien qieghed miexi wrong side jipprova jaqta’ kantuniera;

Ghaldaqstant jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-atturi kif dedotti fl-avviz tat-talba billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ghall-hlas ta’ LM102.13c danni sofferti mill-istess atturi kawza tal-incident bl-ispejjez inkluza dik tal-ittra ufficjali spedita kontestwalment mal-avviz.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M’Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur